**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 23 – L-ERBGĦA 23 TA' MARZU 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal-Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa giet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. ID-DEVOLUZZJONI - IT-TORRI BELVEDERE

**2.1** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li l-proċeduri tad-devoluzzjoni tat-Torri Belvedere fi Triq Transfigurazjoni kienet tlestiet. Id-Dipartiment tal-Artijiet kien qed jinforma lill-Kunsill li d-dokumenti neċessarji kienu ġew approvati u għalhekk fi żmien qasir għandha tiġi ffisata data li fiha tinżamm ċerimonja biex is-Segretarju Parliamentari, Dr Jason Azzopardi, jgħaddi id-devoluzzjoni ta' dan is-sit storiku b'mod uffiċjali lill-Kunsill Lokali ta' Hal Lija.

2.2 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, qal ukoll li permezz ta' din d-devoluzzjoni, il-Kunsill ser ikun f'pozizzjoni aktar vantaggjuża biex japplika għall-fondi meħtieġa biex dan il-post ikun jista' jiġi restawrat u miżmum f'kundizzjoni aħjar sabiex ikun jista' jagħmel parti minn postijiet ta' attrazzjoni fil-lokalità ta' Ħal-Lija.

2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsillier, Dr Marc Sant, dwar il-problema tad-dawl fit-Torri Belvedere. Huwa qal li din is-sistema kienet installata madwar ħmistax-il sena ilu meta kien restawrat it-torri u għal din ir-raguni issa kien jinħtieg li jsir 'refit' ġenerali tas-sistema kollha. Huwa qal ukoll li dan ix-xogħol kien qiegħed isir mill-ħaddiema tal-IPSL u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, kien qed jieħu din l-opportunità biex jirringrazzja lil dawn il-ħaddiema tax-xogħol li dawn qed jagħmlu fil-lokalità.

2.4 Il-Kunsill approva biex jinxtraw l-affarijiet neċessarji biex isiru t-tiswijiet kif ġie spjegat hawn fuq. Ġie approvat ukoll ix-xiri ta' fanali ġodda flok dawk ezistenti għar-raġuni li dawn kienu qed jaffetwaw b'mod ħażin is-sistema tal-elletriku f'dan it-Torri.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Il-Kunsilliera tkellmu dwar ix-xogħlijiet tat-toroq li kienu qed isiru taħt l-iskema Public Private Partnership – Toroq.

3.2 Triq Transfiguarazzjonu u Triq Robert Mifsud Bonnici, kienu tlestew mill-kuntrattur qabel l-aħħar ta' Diċembru 2010. Ix-xogħol fuq Triq Annibale Preca kellu jinbeda fil-bidu tas-sena 2011 wara li jkunu għaddew Jannar u Frar biex tkun evitata l-problema tax-xita. Il-Perit, John Rizzo Naudi, f'dan l-aħħar xahar kien qed jinsisti mal-kuntrattur biex ix-xogħol fuq Triq Annibale Preca jinbeda.

3.3 Għar-raġuni li l-kuntrattur kien qed jinjora l-istruzzjonijiet li kien qed jingħata mill-'Contract Manager' fuq dan il-proġett mill-Perit John Rizzo Naudi, il-Kunsill unanimament approva li għandha tintbagħat ittra lill-kuntrattur biex dan ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill biex il-kuntratt jitwaqqaf minnufih.

3.4 Il-Perit John Rizzo Naudi, bħala 'Contract Manager', għandu jagħmel abbozz ta' din l-ittra biex tkun iffirmata mis-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, u mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar.

## 4. IL-HOUSING ESTATE

**4.1** Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mal-Kunsilliera, is-Sinjorina Lorraine Abela, infurmaw lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellhom mar-residenti tal-Housing Estate li hemm fi Triq Sir Ugo Mifsud. Huma spjegaw il-programm imħabbar mill-Awtorità tad-Djar biex isir it-titjib necessarju fil-Housing Estate.

**4.2** Il-Kunsill approva l-proposta li saret waqt il-laqgħa mar-residenti biex il-Perit John Rizzo Naudi jagħmel spezzjoni fuq il-post, u wara li tkun sabbilita lista ta' ħtiġijiet f'din iż-żona, issir applikazzjoni uffiċċjali taħt l-iskema maħruġa mill-Awtorità tad-Djar.

## 5. L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL

**5.1** Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, ressaq proposta biex il-Mitħna tal-Għadiriet tintuża bħala uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill flok dak preżenti. Huwa spjega li bi ftit olterazzjonijiet dan il-post jista' jkun konvertit f'uffiċċju li għandu jaqdi l-ħtiġijiet tal-Kunsill.

**5.2** Il-Kunsillera preżenti ma qablux ma dan is-suggeriment għar-raġuni li dan huwa post storkiu, l-ispazzju fih huwa limitat ħafna mingħajr faċilitajiet ta' toilets, twieqi u kmamar għajr ghall kuritur fit-tond – tal-unika mitħna tonda ta' żmien il-Kavallieri. Għalhekk huwa diffiċċli ħafna biex isiru alterazzjonijiet strutturali f'post storiku biex dan jinbidel f'uffiċċju.

**5.3** Il-Kunsilliera qablu li għandhom ikomplu jirsistu biex jinstab post alternattiv għall-uffiċċju prezenti, fejn kienet qed titħallas kera għolja.

**5.4** Għandha tkun studjata l-possibilità li jinstab sit adattat għall-uffiċċju possibilment ħdejn l-iskola primarja fi Triq Robert Mifsud Bonniċi.

## 6. IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

**6.1** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, għal darb'oħra ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-problema tat-traffiku fil-lokalità ta' Ħal-Lija, b'mod speċjali fil-qalba tar-raħal. Din il-problema għandha tkun indirizzata b'mod aktar effettiv mit-Transport Malta biex ikun hemm riżultat pożittiv.

**6.2** Għal din ir-raġuni, is-Sindku għandu jiltaqa' mal-Perit Vassallo tat-Transport Malta, biex jiddiskutu din il-problema.

## 7. IL-ĦARGA KULTURALI

**7.1** Il-Kunsill unanimament approva biex tkun organizzata ħarġa kulturali fiż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira għar-residenti b'mod speċjali dawk anzjani fir-raħal.

**7.2** Dawn għandhom jittieħdu biex iżuru wirjiet ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira, fejn jingħata tagħrif storiku ta' dawn ix-xogħlijiet li nsibu fl-irħula ta' Malta. Din id-darba l-irħula ser ikunu in-Naxxar, il-Mosta u r-Rabat.

## 8. IL-LAQGĦA

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2011 fil-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Sur Alffred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |